**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Hamis 4 ta' Mejju , 2023**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Guramentat Numru:- 948/2022 JVC**

**Redeemer *sive* Redd Caruana (K.I. 465989M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Redeemer sive Redd Caruana talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti twieled nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) u fl-Att tat-Twelid

tieghu, li jgib in-numru progressiv erbgha sitta hamsa disgha (4659) tas-sena elf disgha′ mija u tmenin (1989), gie registrat bl-isem u kunjom *Redeemer Caruana* (Att tat-Twelid anness u mmarkat bhala **DOK A** );

2. Illi sa minn zoghzitu, ghal diversi ragunijiet, ir-rikorrent tbieghed mill-isem moghti lilu fit-twelid u addotta minflok l-isem *Redd*, isem etimologikament differenti minn dak moghti lilu fit-twelid, u derivat mill-Ingliz Qadim;

3. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti kien u ghadu konsistentement maghruf u msejjah bl-isem *Redd*, kemm mil-familjari tieghu, kif ukoll minn shabu, u dan kif jirrizulta mill-affidavits tal-genituri tieghu stess; ta′ ohtu u ta′ hatnu; kif ukoll ta′ hbieb li ilhom jafu mill-qrib lir-rikorrent ′il fuq minn hmistax il-sena (Affidavits relattivi annessi u mmarkati bhala **DOK B, C, D, E, F, u G** rispettivament);

4. Illi r-rikorrenti huwa maghruf b′mod konsistenti bhala *Redd* ukoll fuq il-post tax-xoghol tieghu, u cioe il-Kullegg Malti ghall-Arti, Xjenza, u Teknologija (MCAST), kif konfermat mill-fatt illi s-sistema amminstrattiva tal-post tax-xoghol tieghu tirreferi ghalih biss bl-isem *Redd Caruana*, u dan kif muri mill-estratti mis-sistema amministrattiva DAKAR, mil-estratti mis-sistema Outlook, kif ukoll mill-payslip tal- istess rikorrent (estratti u payslip annessi u mmarkati bhala DOK **H, I,** u **J** rispettivament);

5. Illi dan hu konfermat ukoll mill-kollegi letturi u superjuri tieghu, li lkoll konsistentement jafuh u jsibuh bhala *Redd,* u dan kif jirrizulta mill-affidavits relattivi (Affidavits relattivi annessi u mmarkati bhala **DOK K**, u **L** **);**

6. Illi kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti bejn dak li hu rregistrat u dak li hu fattwali qieghed johloq inkonvenjent, problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata u kwotidjana tieghu, u ghaldaqstant ir-rikorrent jixtieq li din is-sitwazzjoni tigi rimedjata;

7. Illi l-artikolu 253(2) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-dritt lir-rikorrent jaghmel talba lill-Qorti ghar-registrazzjoni tal-isem li konsistentement kien uzat ghalih mill-familja tieghu.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrent umilment qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-publikazzjoni tal-avviz il-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi, a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li *Redd* u mhux *Redeemer* huwa l-isem li r-rikorrenti dejjem uza ghalih innifsu, u li huwa konsistentement sa llum il-gurnata maghruf bih;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent ghandu jigi msejjah *Redd Caruana*;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti registrat bin-numru 4659/89 sabiex l-isem *Redeemer* jigi mibdul bl-isem *Redd* kull fejn jinsab;

4. Tawtorizza u tordna kull modifika ohra, jekk ikun opportun, f'kull att tal-hajja civili tar-rikorrenti relattiv u sussegwenti, skond il-provvediment tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

U dan taht dawk il-provvidementi kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;

**3.** Illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrent innumerat 4659/1989, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, ir-rikorrent twieled f'Malta fl-10 t'Ottubru 1989 u ingħata l-ismijiet 'Redeemer, Eric, Shaun', filwaqt illi fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ' ġie indikat l-isem 'Redeemer'. Dan kien iddikjarat minn missier ir-rikorrent, is-Sur Paul Caruana, kif tindika l-firma tiegħu fuq l-istess Att, u

għaldaqstant huwa evidenti li ma sar ebda żball mill-esponent meta ġie rreġistrat dan l-Att tat-Twelid;

**4.** Illi r-rikorrent jisħaq illi huwa dejjem kien magħruf bl-isem 'Redd' u mhux bl-isem 'Redeemer', u ppreżenta diversi dokumenti, fil-maġġoranza tagħhom affidavits, biex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu. Huwa jgħid ukoll li l-isem 'Redd' huwa etimoloġikament differenti mill-isem Redeemer u li huwa bl-ebda mod ma jikkunsidra l-isem Redd bħala derivattiv mill-isem 'Redeemer';

**5.** Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva illi ma jikkondividix il-ħsieb tar-rikorrent u tal-abbli rappreżentanta legali tiegħu, stante illi 'Redd' m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Redeemer, magħmul mill-ewwel tliet ittri, 'Red', biż-żieda tal-ittra 'd', li ma tagħmel ebda differenza fonetikament. Isegwi għalhekk li t-tibdil li qed jintalab mir-rikorrent neċessarjament jinkwadra taħt l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-proviso jgħid testwalment illi "t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv";

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponent qiegħed joġġezzjona għat-talbiet attriċi stante illi l-bidla mitluba tmur kontra dak li jistipola l-proviso sopraċitat tal-Liġi tagħna, billi effettivament tikkonsisti f'isem, ossia Redd, li m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Redeemer, li huwa l-isem li kien mogħti lir-rikorrent mill-ġenituri tiegħu;

7. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 31 tal-process.

Rat illi fil-verbal datat 25 ta' April, 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat li effettivament lkoll turi li r-rikorrent juza l-isem ta' 'Redd' u mhux 'Redeemer' u li dan ilu jaghmlu sa minnn meta kien zghir. Rat b'mod partikolari l-affidavits tal-familjari tar-rikorrent li lkoll jikkonfermaw li r-rikorrent ilu sa minn meta zghir skomdu juza' l-isem 'Reedeemer' u li ilu wkoll sa minn meta zghir juza u maghruf bl-isem 'Redd'. L-istess ikkonfermaw kollegi tieghu fuq ix-xoghol.

Rat l-affidavit ta' missier ir-rikorrent Paul Caruana a fol. 6 tal-process fejn huwa kkonferma li ibnu sa minn meta kien zghir ma xtaqx li jigi msejjah bl-isem 'Redeemer' u li kien ibnu r-rikorrent li ghazel li jgi msejjah bl-isem 'Redd'. Semghet ukoll ix-xhieda ta' Paul Caruana in kontro-ezami fejn xehed li ghalkemm hu u omm ir-rikorrent kienu kontra li r-rikorrent jibdel ismu ghar-raguni li ismu kien marbut ma weghda, rrizulta li xorta wahda r-rikorrent baqa jinsisti li ma riedx l-isem 'Redeemer' u li kellhom isejhulu bl-isem 'Redd'.

Rat partikolarment il-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat li jsostni li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda ghaliex l-isemm 'Redd' huwa semplicement versjoni qasira tal-isem 'Redeemer'. Ir-rikorrent jopponi din l-eccezzjoni u jishaq fix-xhieda tieghu li huwa appuntu ghazel l-isem 'Redd' li jinqara b'mod divers u ghandu derivazzjoni u sinjifikat differenti minnn 'Redeemer' sabiex jallontana ruhhu mill-isem 'Redeemer'. Isostni wkoll li konsegwenza ta' dan l-isem soffra bosta 'bullying' meta kien zghir.

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-eccezzjoni tad-Direttur intimat li l-isem 'Redd' huwa abbrevjazzjoni tal-isem 'Redeemer'. Fil-fatt ghalkemm forsi viswalment jidhru li jinkitbu l-istess meta jintqalu dawn jinstemghu kompletament different u dan ghaliex il-qasir ta' 'Redeemer' fonetikament jintqal 'Riid' filwaqt li 'Redd' fonetikament jibqa' 'Redd' b'emfasi wkoll fuq id-d doppja.

Rat ukoll l-affidavit tar-rikorrent a fol. 20 et seq tal-process fejn ikkonferma li qatt ma kienet l-intenzjoni li l-isem 'Redd' ikun l-abbrevjazzjoni tal-isem 'Redeemer' anzi huwa ghazel l-isem 'Redd' sabiex dan ikun kompletament differenti mill-isem

'Redeemer' li tant kien iqanqallu dwejjaq u jassoggettah ghall-*bullying*.

Illi fic-cirkostanzi suesposti l-Qorti ma tqisx li l-eccezzjoni tad-Direttur li l-isem 'Redd' huwa abbrevjazzjoni ta' 'Redeemer' hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Konsegwentement stante li mill-provi jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent gew sufficjentement pruvati l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

In vista li d-Direttur intimat ma kellu xejn x'jahti f'dawn ic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad il-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat, tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeciedi, a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li *Redd* u mhux *Redeemer* huwa l-isem li r-rikorrent dejjem uza ghalih innifsu, u li huwa konsistentement sa llum il-gurnata maghruf bih;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent ghandu jigi msejjah *Redd Caruana*;

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti registrat bin-numru 4659/89 sabiex l-isem *Redeemer* jigi mibdul bl-isem *Redd* kull fejn jinsab;

4. Tilqa'  r-raba' talba tar-rikorrent u tawtorizza u tordna kull modifika ohra, jekk ikun opportun, f'kull att tal-hajja civili tar-rikorrenti relattiv u sussegwenti, skond il-provvediment tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**04 ta' Mejju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Mejju  2023**